*Il-jum kien diefi, ċar daqs il-kristall,*
*il-ħajja kienet miexja bla tfixkil:*
*ħadd ma jaf mnejn leħħ ajruplan bħal sēqer*
*u waddab bomba — waħda biss — u għab.*
*Warajh ħalla tarbija fl-art minxura*
*f'għadira demm.*

*It-tifla kienet mietet f' dirgħajn ommha,*
*u dik l-imsejkna omm, għelm tat-tbatija,*
*ma felħitx tibki. Ebda demgħa taħraq*
*ma xerrdet minn għajnejha, ebda tnehida*
*ma telgħet fuq xufftejha, imma qalbha*
*bil-biża' w l-hemm ħassitha ser tinqasam.*
*Għaliex dad-demm? ..... id-demm ta' nies bla ħtija,*
*id-demm ta' tfal ċkejknin fil-fjur tal-ħajja?*
*Id-demm iservi sabiex bih jinħaslu*
*l-idejn ta' l-ambizzjoni. Imma, ja bniedem,*
*mhux il-qawwa ta' l-armi u tad-dnewwa*
*li tiġbed lejha l-qalb u ġġib l-imħabba,*
*imma l-forza tal-għerf u tar-raġuni.*
*L-għaref ifittex il-ħelsien u l-paċi,*
*id-dgħajjef biss jaqla' w iġib il-gwerer.*
*Misħuta l-gwerra! ..... għax bi ħniena m' għandhiex*
*mit-tfal li għira ma jafux xinhi,*
*it-tfal ċkejknin ta' tmienja w għaxar snin.*

25.v.59 ĠUŻÈ CHETCUTI

## GĦANJA TAL-ĦARIFA

*Fil-bogħod*
*is-sħab minxur mas-sema*
*siparju fin tal-ħarif*
*stirat quddiem il-mewt.*

*Fit-toroq*
*ir-riħ jigref, bi dwiefru,*
*u jħaxwex fil-weraq li waqa'*
*mis-siġar tal-ħarrub.*

*Fuq rasna*
*l-għasafar ċkejkna*
*imbeżżgħin mill-ajruplani*
*fi qtajja' jiġru mbikkija.*

*Fil-ġnien*
*tal-lariġ, fil-vaska siekta,*
*iħażżeż triqtu l-wiżż*
*simbolu minsi tal-imħabba.*

*U fil-ħdura*
*tal-ilma li far mill-funtana*
*jitwessgħu ċ-ċrieki*
*fejn għereq ftit ilu l-ibjad ġilju.*

*Fil-vojt*
*ta' qalbi, jitqanqlu t-tifkiriet*
*Trampil fil-bir tal-memorja –*
*u l-ħsieb iqabbel l-imgħoddi, bħal moħriet.*

21.x.54 P.S. Inglott

## ~~HEKK HI L-HAJJA~~

~~*Bħal omm li, fil-għaxija,*~~
~~*xħin jasal ħin l-irqad,*~~
~~*tarfa' lil binha ċkejken u tmiddu fuq is-sodda,*~~
~~*u b'dak leħenha rqiq*~~
~~*toqgħod tħannu w twiegħdu ħwejjeġ sbieħ,*~~
~~*waqt li binha mit-tieqa nofsha mbexxqa*~~
~~*jilmaħ ma' l-art il-ġugarelli*~~
~~*li kien qed jilgħab bihom,*~~
~~*hekk il-Hajja tħannen għar-rqad lill-bniedem,*~~
~~*tfissdu f'ħoġorha,*~~
~~*waqt li tgħannilu w twiegħdu*~~
~~*rebħ u pjaċir fiż-żmien li ġej,*~~
~~*u hu mit-tieqa mbexxqa*~~
~~*jilmaħ ma' l-art, imfarrka,*~~
~~*il-ħidma ta' l-imgħoddi.*~~

~~Ġużè Chetcuti~~